DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

9 ta' Diċembru 2010 *

Fil-Kawża C-193/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' April 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' April 2010, fil-proċedura

KMB Europe BV

vs

Hauptzollamt Duisburg,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn K. Schiemann, President tal-Awla, L. Bay Larsen u A. Prechal (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

peress li l-Qorti tal-Ġustizzja qed tipproponi li tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Intestatura 8521 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 301, p. 1, iktar 'il quddiem in-"NM").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn KMB Europe BV (iktar 'il quddiem "KMB Europe"), rikorrenti fil-kawża prinċipali, u l-Hauptzollamt Duisburg (Uffiċċju Prinċipali tad-Dwana ta' Duisburg), konvenut fil-kawża prinċipali, dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' MP3/multimedia players.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-ewwel parti tan-NM tinkludi ġabra ta' dispożizzjonijiet preliminari. F'din il-parti, taħt it-Taqsima I, li fiha jinsabu r-regoli ġenerali, il-Parti A, intitolata "Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-[NM]", tipprovdi kif ġej:

"Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-[NM] għanda tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titoli tat-taqsimiet, kapitoli u subkapitoli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini ta' l-intestaturi u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitolu relattiv u, sakemm dawn l-intestaturi jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

[…]"

4 It-tieni parti tan-NM, li tinkludi t-Taqsima XVI bl-isem "Makkinarju u għodod mekkaniċi; apparat elettriku; bċejjeċ tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu l-ħoss; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu stampa

u ħoss televiżivi u bċejjeċ u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti" hija ppreċeduta min-noti. Skont in-nota 3 ta' din it-taqsima:

"Sakemm il-kuntest ma jesiġix mod ieħor, magni komposti magħmulin minn żewġ magni jew aktar mwaħħlin flimkien biex jagħmlu waħda u magni oħrajn maħsubin bil-għan li jagħmlu żewġ funzjonijiet kumplimentari jew alternattivi jew aktar għandhom jiġu kklassifikati daqslikieku magħmulin biss minn dak il-komponent jew huma dik il-magna li tagħmel il-funzjoni prinċipali."

5 L-imsemmija Taqsima XVI tinkludi l-Kapitolu 85, intitolat "Makkinarju u għodod mekkaniċi; apparat elettriku; bċejjeċ tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu l-ħoss; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu stampa u ħoss televiżivi u bċejjeċ u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti". Dan il-kapitolu fih b'mod partikolari, l-intestatura 8519, intitolata "Tagħmir ta' reġistrazzjoni tal-ħoss jew ta' riproduzzjoni tal-ħoss" u s-subintestatura 8519 89 90, intitolata "Oħrajn", kif ukoll l-intestatura 8521, intitolata "Apparat għar-reġistrazzjoni u għar-riproduzzjoni tal-vidjo, sew jekk jinkorporaw tjuner tal-vidjo u sew jekk le" u s-subintestatura 8521 90 00, intitolata "Oħrajn".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

6 KMB Europe talbet, fil-5 ta' April 2007, liż-Zollamt Emmerich (Uffiċċju tad-Dwana ta' Emmerich), ir-rilaxx ta' kunsinna ta' apparat elettroniku ta' oriġini Ċiniża li ġej minn Hong Kong (iċ-Ċina), li hija ddikjarat bħala Mp3 players li jaqgħu taħt is-subintestatura 8519 89 90 tan-NM. L-imsemmi Zollamt ħa xi kampjuni tal-kunsinna u rrilaxxaha, skont it-talba magħmula bili ġabar id-dazji doganali previsti bir-rata ta' 2 %.

7 Skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija taħlita ta' prodotti ppakkjati f'kaxxa tal-kartun u komposta kif ġej:

— apparat deskritt fuq il-kaxxa ta' barra tiegħu bħala MP3/multimedia player f'kaxxa b'tul ta' 90 mm, wisa' ta' 40 mm u ħxuna ta' 8 mm. Din il-kaxxa fiha bilanċjatur tal-frekwenzi, skrin ta' kristalli likwidi (LCD), (27 x 28 mm, b'qies djagonali ta' 8 mm jew 1,65 pulzier), memorja "flash" (fir-rigward tal-verżjonijiet 512 MB jew 1 GB), batteriji li jistgħu jiġu ċċarġjati, sokit għal headphones, sokit USB 2.0 u xi buttuni ta' kontroll;

— kejbil USB;

— par headphones;

— transformer li jiċċarġja l-batteriji;

— wajer għax-xandir;

— CD bil-programmi. Permezz ta' wieħed minn dawn il-programmi, il-vidjos b'format differenti jistgħu jiġu kkonvertiti f'format AMV; u

— istruzzjonijiet.

8 Mill-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-MP3/multimedia player jista':

— jaqra l-fajls awdjo, b'mod partikolari dawk li għandhom il-format MP1, MP2, MP3, WMA, WMV, ASF, WAV;

— jirreġistra l-fajls awdjo permezz ta' mikrofonu integrat bil-format WAV u ACT;

— iqiegħed il-memorja tiegħu għad-dispożizzjoni ta' kompjuter, bħala memorja supplementari, permezz ta' kejbil USB;

— juri l-istampi taħt il-format JEPG; u

— jaqra l-vidjos taħt il-format li ma għandux bżonn liċenzja AMV b'riżoluzzjoni ta' 208 x 176 pixels u bi frekwenza ta' 16 stampa kull seconda, jew b'riżoluzzjoni u frekwenza ta' stampi inqas.

9 Iż-Zollamt Emmerich bagħat lill-Oberfinanzdirektion Köln, Zolltechnische Prüfungs- und Lehranstalt (Dipartiment ta' Verifika u Taħriġ Doganali tad-Dipartiment Reġjonali tal-Finanzi ta' Cologne) il-kampjuni miġbura sabiex jiġu eżaminati. Dan tal-aħħar ikkunsidra, fir-rapport tal-esperti tiegħu tas-16 ta' Mejju 2007, li l-merkanzija kienet ikkostitwita minn apparat vidjo li jaqa' taħt is-subintestatura 8521 90 00

tan-NM. Il-Hauptzollamt Duisburg qabel ma' din l-evalwazzjoni, u żamm lil KMB Europe responsabbli, b'deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2007, għall-ħlas ta' ammont totali ta' EUR 16 752.77 abbażi tal-irkupru *a posteriori* tad-dazji doganali.

10 Wara ċ-ċaħda tal-ilment tagħha, KMB Europe kkontestat il-klassifikazzjoni tal-merkanzija inwkistjoni fil-kawża prinċipali taħt l-intestatura 8521 tan-NM, quddiem il-qorti tar-rinviju.

11 Quddiem l-imsemmija qorti, il-Hauptzollamt Duisburg qies li l-apparat inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkorrispondi għat-termini li jiddefinixxu l-instestatura 8521, li teħtieġ biss li l-apparat vidjo jkun jista' jirreġistra jew jipproduċi stampa jew ħoss. Fl-opinjoni tiegħu, l-imsemmi apparat ma jikkostitwixxix tagħqid ta' apparat li jipproduċi awdjo u apparat li jipproduċi stampi, fis-sens li la n-nota 3 tat-Taqsima XVI tan-NM u lanqas ir-regola ġenerali 3(b) ma jkunu applikabbli.

12 Bil-kontra, KMB Europe issostni li l-apparat inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqa' taħt l-intestatura 8519 tan-NM. L-imsemmi apparat ikollu fil-fatt żewġ funzjonijiet, li fosthom il-funzjoni awdjo tirrapreżenta l-funzjoni prinċipali. Il-funzjoni vidjo, minn naħa tagħha, hija biss limitata ħafna u sekondarja.

13 Peress li s-soluzzjoni tal-kawża teħtieġ l-interpretazzjoni tal-intestatura 8521 tan-NM, il-Finanzgericht Düsseldorf iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-intestatura 8521 tan-[NM], għandha tiġi interpretata fis-sens li apparat bħall-apparat bħal MP3/multimedia player [inkwistjoni fil-kawża prinċipali], huwa eskluż

minn din l-intestatura minħabba li għandu jsir riferiment għall-funzjoni prinċipali tal-apparat li jipproduċi l-ħoss jew minħabba li l-kapaċità ta' dan l-apparat li jipproduċi immaġini fissi u films hija limitata għal screen żgħir b'riżoluzzjoni baxxa u bi frekwenza ta' immaġini baxxa?"

Fuq id-domanda preliminari

14 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura, fil-każ li t-tweġiba għal domanda għal deċiżjoni preliminari tkun tista' kjarament tiġi dedotta mill-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li tkun semgħet lill-Avukat Ġenerali, tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, li jkun fih referenza għall-ġurisprudenza kkonċernata.

15 Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan huwa l-każ fil-kawża prinċipali.

16 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-intestatura 8521 tan-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li huma eskluży minn din l-intestatura l-MP3/multimedia players bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

17 Għandu jiġi mfakkar li, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-kontrolli, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanziji għandu jitfittex, b'mod ġenerali, fil-karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi, kif iddefiniti mill-kliem tal-intestatura tan-NM u tan-noti tat-taqsima jew tal-kapitolu (ara s-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Dinter u Europol Frost-Food, C-522/07 u C-65/08, Ġabra p. I-10333, punt 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

18 Fir-rigward tat-termini tal-intestatura 8521 tan-NM, għandu jiġi rrilevat li dawn jirreferu għall-apparat ta' reġistrazzjoni "jew" li jipproduċi l-vidjo. Minn dan jirriżulta li l-MP3/multimedia players bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-intestatura minħabba l-fatt li jistgħu biss jipproduċu l-vidjos u ma jistgħux jirreġistrawhom.

19 Barra minn hekk, l-ebda kriterju speċifiku ta' kwalità ma huwa stabbilit fit-titolu tal-intestatura 8521. Isegwi li l-kapaċità limitata tal-MP3/Multemedia players, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex jipproduċu l-istampi jew il-films fuq skrin żgħir b'riżoluzzjoni baxxa u bi frekwenza dgħajfa ma tistax, fiha nnfisha, tkun suffiċjenti sabiex l-imsemmija players joħorġu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija intestatura, peress li, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, huwa paċifiku li l-istampi animati bil-mużika taħt il-forma ta' film qasir huma identifikabbli faċilment.

20 Fir-rigward tal-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk l-MP3/multimedia players bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħux jaqgħu, jekk ikun il-każ, taħt l-intestatura 8521 tan-NM, b'rigward tal-funzjoni prinċipali tagħhom ta' apparat li jipproduċi l-ħoss, għandu jiġi mfakkar li l-użu li għalih prodott huwa intiż jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tariffarja, sakemm dan ikun inerenti għal dan il-prodott u din l-inerenza għandha tkun tista' tiġi evalwata skont il-karatteristiċi u l-kwalitajiet oġġettivi tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2005, Ikegami, C-467/03, Ġabra p. I-2389, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Hekk kif jirriżulta mid-deskrizzjoni tal-imsemmija MP3/multimedia players, fil-punti 7 u 8 ta' dan id-digriet, l-għan tal-imsemmija players, ma huwiex biss li jaqra l-fajls awdjo, indipendentement minn kull qari tal-vidjos. Dan l-għan tal-aħħar, inerenti għall-apparat inkwistjoni fil-kawża prinċipali peress li jirriżulta mill-propretajiet oġġettivi tagħhom u, b'mod partikolari, mill-formats differenti li fihom dawn jistgħu jaqraw il-fajls awdjo, huwa ta' natura li jeskludi li dan l-apparat jikkorrispondi kompletament għat-termini tal-intestatura 8521 tan-NM.

22 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, minħabba din il-funzjoni ta' qari tal-fajls awdjo, l-MP3/multimedia players inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu *a priori* jikkorrispondu wkoll għat-termini tal-intestatura 8519 li tirreferi għall-apparat ta' reġistrazzjoni u/jew li jipproduċu l-ħoss.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni n-nota 3 tat-Taqsima XVI tan-NM, sabiex isseħħ il-klassifikazzjoni fiha tal-imsemmija MP3/multimedia players.

24 Skont l-imsemmija nota, il-magni prodotti sabiex jiżguraw żewġ jew diversi funzjonijiet differenti, alternattivi jew supplementari, huma kklassifikati skont il-funzjoni prinċipali li tikkaratterizza t-totalità tagħhom.

25 Issa, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-funzjoni prinċipali tal-MP3/multimedia players, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistrieħ, skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju stess, fil-funzjoni ta' reġistrazzjoni u produzzjoni ta' ħoss, u dan minħabba l-kwalità limitata tal-funzjoni vidjo tiegħu.

26 Konsegwentement, hemm lok li r-risposta għad-domanda tkun li l-intestatura 8521 tan-NM, għandha tiġi interpretata fis-sens li huma esklużi minn din l-intestatura l-MP3/multimedia players, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-funzjoni prinċipali li tikkaratterizza t-totalità ta' tali apparat tikkonsisti fir-reġistrazzjoni u l-produzzjoni ta' ħoss.

Fuq l-ispejjeż

27 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-intestatura 8521 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006, għandha tiġi interpretata fis-sens li huma esklużi minn din l-intestatura l-MP3/multimedia players, bħal dawk inwkistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-qorti tar-rinviju għandha tikkonstata li l-funzjoni prinċipali li tikkaratterizza t-totalità ta' tali apparat tikkonsisti fir-reġistrazzjoni u l-produzzjoni ta' ħoss.

Firem